**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 47/14

**Minuti tal-47 laqgħa li saret nhar il-Tlieta 30 ta' Diċembru fis-6:30 pm.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-6:30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-President Samuel Azzopardi, il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri, Mario Azzopardi, David Apap, Anthony Cassar, Joe Cordina, Frans Cauchi, Salvu Borg, Charles Said, Nicky Saliba, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

1. Intqalet t-talba. Il-minuti ma nqrawx peress illi ntbgħatu minn qabel. Il-minuti tat-46 laqgħa ġew approvati unanimament.

2. **Sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju nforma lill-membri li huwa ma jistax joqgħod segretarju tal-bord tal-għażla minħabba kunflitt ta' interess. Huwa ħalla l-kamra sabiex il-kumitat reġjonali ikun jista' jiddiskuti din il-materja. Wara li ddiskuta din il-materja, il-bord ġie kompost minn David Apap Chairman, Joseph Sultana (membru), Mario Azzopardi (membru) u Miriam Attard Segretarja.

3. **Kuntratt tal-Accountancy Services**

4.1 Is-segretarju nforma li dan il-kuntratt ser jiskadi f'Jannar. Ġie suġġerit illi dan il-kuntratt għandu jiġi estiż sa Marzu sabiex jitlestew l-accounts. Sadanittant ser jibdew il-preparamenti tat-tender sabiex toħroġ l-offerta.

4. **Street Lighting**

5.1 Is-segretarju eżekuttiv informa li skont l-estimi finanzjarji tal-Gvern ċentrali l-gvern alloka €50,000 għas-sena 2015 għall-manutenzjoni tal-*street lighting.* Huwa qal li skont l-informazzjoni li nġabret mill-kunsilli lokali u l-enemalta, l-ammont mitlub għall-manutenzjoni huwa ta € 200,000 fis-sena. Il-Kumitat Reġjonali talab ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jalloka € 64,000 għall-ispejjeż amministrattivi. Teżisti wkoll problema fuq l-*insurance*, peress li f'dan l-istadju ma kienx hemm interess mill-kumpanija tal-*insurance* sabiex jagħtu *insurance* bħala *liability*. F' dan l-istadju ġie propost li sakemm ikun hemm qbil fuq it-termini kollha tad-*devolution agreement*, u sakemm l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali ma tkunx ridotta, ġie suġġerit li l-Kumitat Reġjonali għalissa jieħu f'idejh biss l-*istreet lighting* li ser jinbidel bħala parti mill-proġett.

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**

5. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

6.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 33 illi tammonta għall-€ 46,439.35 ġiet approvata kif annessa ma dawn il-minuti.

6.2 Peress illi ma kienx hemm affarijiet oħra x'niddiskutu, il-laqgħa ntemmet fis-7:30 pm.

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv